MINISTERU
GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI
L-AMBJENT U T-TIBDIL FIL-KLIMA

MINISTRY
FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT
THE ENVIRONMENT AND CLIMATE
CHANGE

MALTA

*Aġenzija għall-Pagamenti Rurali u Agrikoli*

*Agriculture and Rural Payments Agency*

Għażiż ġenitur/i *carer/s*

## SKEMA TA' FROTT U ĦAXIX GĦALL-ISKEJJEL 2015-2016

Matul din is-sena skolastika 2015-16 l-Iskema ta' Frott u Ħaxix għall-iskejjel ser titkompla. Tfal ta' bejn it-3 u 10 snin li jattendu l-kindergarten u l-primarji fl-iskejjel tal-Istat, Knisja u Indipendenti huma intitolati li jissieħbu f'din l-iskema. Dawn it-tfal ser jirċievu b'xejn porzjon ta' frott jew ħaxix frisk fil-ġimgħa.

L-għan ta' din l-iskema hu li jinkoraġġixxi lit-tfal biex jiżviluppaw attitudni pożittiva lejn il-frott u ħaxix u jgħinhom jadottaw stil ta' ħajja aktar b'saħħitha. Il-porzjon ta' frott jew ħaxix jingħata bil-ħsieb li jikkumplimenta u mhux jissostitwixxi l-ikel li jingħata lit-tfal mill-ġenituri tagħhom.

Il-frott u ħaxix provdut se jkun frisk u mhux ser ikun fih kwalunkwe zokkor miżjud, xaħmijiet jew melħ. Huwa ser ikun maħsul u mqatta', u mhux ser ikun fih kwalunkwe tip ta' lewż.

Jekk inti interessat li t-tifel/tifla tiegħek j/tipparteċipa fl-Iskema tal-Frott u Ħaxix għall-Iskejjel inti ġentilment mitlub/a sabiex timla' l-formola hawn taħt u tippreżentaha lill-Kap tal-iskola.

Informazzjoni personali provduta fuq il-formola tal-applikazzjoni tiegħek hija protetta, u użata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 440).

L-Iskema tal-Frott u l-Ħaxix għall-Iskejjel hi mmexxija mill-Aġenzija għall-Pagamenti Rurali u Agrikoli fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima bi sħab mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u mal-Ministeru għas-Saħħa. L-iskema hi ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea.

Nirringrazzjakom

Clint Farrugia
Senior Principal (Aġenzija għal-Pagamenti Rurali u Agrikoli)

✂------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## SKEMA TA' FROTT U ĦAXIX GĦALL-ISKEJJEL 2015-2016

Isem it-tifel/tifla ______________________________ Età _____ snin Klassi ________

Trid li t-tifel/tifla j/tipparteċipa f'din l-iskema? IVA ☐ LE ☐

Hemm xi frott u/jew ħaxix li ma jaqbilx mat-tifel/tifla? Jekk iva, semmi liema huma:

______________________________________________________________________________

___________________________
Firma tal-ġenitur/i carer/s